# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.4: Niċċelebraw ilkoll flimkien**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jieħdu pjaċir.

b) Jiġi kkonsolidat il-punt li aħna differenti imma lkoll speċjali.

c) Jifhmu li flimkien nistgħu nikbru u nkunu ferħanin.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Il-Bibbja
- Klipp jisimha: A place for Everyone
- Diska: God is so Good
- Karti kkuluriti u jagħżlu l-kulur favorit tagħhom u karta għal id kbira tal-għalliema.
- Powerpoint: Stampa ta' Ġesu'.

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Ibda billi turi l-video clip *A Place for Everyone* ta' lezzjoni 2.2 u staqsi l-mistoqsijiet:
- Fejn teħodna l-istorja?
- X'kienu qed jagħmlu l-buffi?
- Kienu tajbin fix-xogħol li kienu qed jagħmlu?
- X'ġara?
- Għalfejn ic-*circus master* irrabja għall-buffu l-aħmar?
- X'ġara meta l-buffu l-aħmar telaq?
- Kif taħseb li ħassu c-*circus master* hekk kif telaq il-buffu l-aħmar?
- Taħseb li kien qed jiddispjacieh?
- Il-buffu l-aħmar kif kien qed iħossu? U l-ħbieb tiegħu?
- X'għamel ic-*circus master* biex jirranġa s-sitwazzjoni?
- Kienet sabiħa x-xow li għamlu xħin mbagħad reġgħu ġew kollha flimkien?

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

- Spjega kemm hu tajjeb li napprezzaw lil xulxin għax kulħadd kapaċi jagħti minn dak li għandu. Għandna nħossuna kburin b'dak li kull wieħed minna għandu / għandha.
- Ħalli lit-tfal jagħżlu l-kulur favorit tagħhom mill-karti kkuluriti, iżda fl-istess ħin ara li jkun hemm għażla varjata ta' kuluri.
- Wassal lit-tfal biex iduru madwar idejhom biex jimmarkawha fuq il-karta kkulurita.
- Għin lit-tfal jaqtgħu madwar idejhom u jiktbu isimhom kbir fuqha b'kulur iswed.
- L-għalliema tista' tieħu sehem f'din l-attivita' billi tpinġi jdejha wkoll.
- Ħu karta bajda u pinġi id ftit kbira fuqha li ser tirrappreżenta lil Ġesu'. Tista' ssib stampa żgħira ta' Ġesù u twaħħalha fuqha.
- It-tfal jistgħu jagħtu jew jagħmlu sinjal bil-kulur tal-id tagħhom fuq id Ġesù sabiex nuru li aħna flimkien u ma' Ġesù nistgħu nagħmlu dinja aħjar.
- Waħħal din l-attività fil-klassi b'Ġesù fiċ-ċentru.
- It-tfal jisimgħu d-diska: *God is so Good* mir-riżorsi waqt li jpenġu l-karta.
- Fakkar lit-tfal li l-karta ta' taħriġ hija *song* u titkanta fuq il-melodija ta' Frere Jacques.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Kemm hu sabiħ li nifirħu flimkien bħala komunità tal-klassi.
2. Meta nkunu flimkien nikbru u nsiru aħjar.
3. Il-ferħ jgħinna nikbru tassew.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

- Ejja naħdmu u nkunu ferħanin flimkien.




**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Song: God is so Good

  http://www.youtube.com/watch?v=dvvY5lCbWN8
- A place for Everyone

  http://www.youtube.com/watch?v=o79gbf-M-j0



**Nitolbu**



Mulej, aħna differenti u huma dawn id-differenzi li jagħmluna speċjali. Grazzi tad-differenzi tagħna għax permess tagħhom nistgħu nsaħħu l-ħbiberija ta' bejnietna.